MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 398/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elaine Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elaine Caruana talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn is-6 ta' Mejju 2011 u t-8 ta' Mejju 2011, nhar l-14 ta' Mejju 2011 u bejn is-27 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Mejju 2011, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Angel Joseph Caruana ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(ll), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Elaine Caruana hatja u kkundannatha xahrejn prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Elaine Caruana pprezentat fl-10 ta’ Ottubru 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull htija u piena, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f’kaz ta’ konferma ta’ htija, illi timmodifika l-piena nflitta ghal wahda aktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata mill-prosekuzzjoni; (2) li fi kwalunkwe kaz kien hemm ragunijiet xierqa ghan-nuqqas ta’ access; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena hi harxa wisq.

**6.** Din il-Qorti semghet il-provi u, filwaqt illi hija propensa li taccetta li ghall-granet tas-27 sad-29 ta’ Mejju 2011 it-tfal kienu ma jifilhux skond ic-certifikati esebiti, ma tara li hemm l-ebda prova sodisfacenti dwar il-granet l-ohra. Kwindi l-imputazzjoni tirrizulta, almenu in kwantu jirrigwarda is-6 ta’ Mejju 2011 sat- 8 ta’ Mejju 2011 u l-14 ta’ Mejju 2011. Fortunatement mix-xiehda tal-konjugi Caruana jirrizulta illi m’ghadx hemm diffikultajiet dwar l-access u qeghdin jikkomunikaw ma’ xulxin “bhan-nies”. F’dawn ic-cirkostanzi u peress illi mhuwiex issa fl-interess primarjament tat-tfal illi l-appellanti ommhom tispicca inkarcerata, din il-Qorti sejra tirrevedi l-piena nflitta.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, <u>tirrevokaha</u> in kwantu sabet lill-appellanti hatja li naqset milli taghti access lil Angel Joseph Caruana ghal

uliedhom bejn is-27 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Mejju 2011 minghajr raguni xierqa, tiddikjara li ghal dawk il-granet kien hemm raguni xierqa u ghalhekk tiddikjaraha mhux hatja li naqset milli taghti access lil Angel Joseph Caruana ghal uliedhom bejn is-27 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Mejju 2011 minghajr raguni xierqa u minn din il-parti ta' l-imputazzjoni tilliberaha, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu nstabet hatja talli **b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn is-6 ta' Mejju 2011 u t-8 ta' Mejju 2011, u nhar l-14 ta' Mejju 2011, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Angel Joseph Caruana ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa**. Inoltre tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-imsemmija Elaine Caruana ghal xahrejn prigunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------